MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2014

Appell Kriminali Numru. 515/2013

Il-Pulizija

[Spettur Ian J. Abdilla]

Vs

Ruth Sammut nee' Grech

Illum, 04 ta' Dicembru, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Ruth Sammut, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 283269M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana talli:

Fit-2 ta' Gunju, 2009, gewwa s-Swieqi, wara ntervent u tfittxija li saret mill-Ufficjali tad-Dwana fil-vettura Mitsubishi Pajero van bin-numru tar-registrazzjoni ABP051, liema tal-istess Ruth Sammut, instab li, xjentament kellha fil-pussess u/jew taht il-kontroll taghha, kif ukoll laqghet ghandha, zammet u/jew ukoll xjentemnet kellha

b’xi mod taqsam fil-garr, twarrib, hati jew dopozt ta’ sigratti bla dazju, fi kwantita’ kif deskritt hawn taht, u dan, bil-hsieb li jigi ffrodat il-Gvern minn Dazji u t-Taxxa li jkun imiss jithallas fuqhom jew biex tinhelex xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti:

-3 kaxxi bi 15 il-kartuna kull kaxxa, b’400 sigarett kull kartuna Superkings (Black)

Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huma pprojbiti u/jew ristretti u/jew limitati, ghandhom valur totali ta’ €522.00, dazju tas-Sis dovut ta’ €2061.54 u wkoll Dazju ta’ importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) li jammontaw ghal €300.67 u €519.16 rispettivament, fejn liema Dazji u Taxxa ma kienux gej imhallsa u/jew kawtelati.

Is-sigaretti in kwestjoni gew maqbuda bin-Nota ta’ Qbid Numru 9/2010, filwaqt li l-vetturi gew maqbuda bin-Noti ta’ Qbid Numru 9/2010, filwaqt li l-vettur gew maqbuda bin-Noti ta’ Qbid Numru 11/2010.

Akkuzata wkoll,

b. Fuq talba tal-Kummissarju tal-Value Added Tax, talli fit-2 ta’ Gunju, 2009, gewwa s-Swieqi, wara ntervent u tfittxija li saret mill-Ufficjal tad-Dwana fil-vettura Mitsubishi Pajero van bin-numru ta’ registrazzjoni ABP051, liema ta’ l-istess Ruth Sammut, nstab li, xjentament kellha fil-pusses u/jew taht il-kontroll taghha, kif ukoll laqghet ghandha zammet u/jew xjentement kellha b’xi mod x’taqsam fil-garr, twarrib, habi jew depozt ta’ sigaretti bla dazju, fi kwantita’ kif deskritt hawn taht, u dan, bil-hsieb li jigi fformdat il-Gvern minn Dazji u t-Taxxa li jkun imiss jithallas fuqhom, jew biex tinheles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti:

-3 kaxxi, bi 15 il-kartuna kull kaxxa, b’400 sigarett kull kartuna Superkings (Black).

U b'hekk, Ruth Sammut saret ricediva a termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) diversament preseduta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitlbua sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lil akkuzata ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija f1-14 ta' Novembru, 2013, fejn il-Qorti stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata taghha, sabitha hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha u wara li rat l-artikoli 60(a)(b)(c)(k), l-artikolu 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) flimkien mal-provisol, paragrafu (a) u l-artikolu 69 tal-Kap 37; l-artikolu 16(1)(j), l-ewwel proviso tieghu u r-Regolament 7 tal-Parti C tas-Sitt Skeda tal-Kap 382, l-Artikolu 80 tal-Kap 406, l-Artikolu 17(b), 49 u 59 tal-Kap 9.

Konsegwentement ikkundannat ghal multa ta' 6184.62 Ewro u prigunerija ta' sitt xhur sospiza ghal sena bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9.

Ordnat il-konfiska tas-sigaretti elevati u ordnat li terz tal-multa tigi kkunsidrata bhala dejn civili pagabbli lid-Dipartiment tad-Dwana.

Astjeniet li tordna l-konfiska tal-vettura Nru. ABP051 stante l-ordni tal-konfiska taghha fi proceduri kontra zewgha decizi llum stess.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Ruth Sammut, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Novembru, 2013, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. Tikkonfermaha fil-parti tar-reita' u

2. Thassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena billi minflok l-piena nflitta tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-5 ta' Dicembru, 2013, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

a. tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-imputata appellata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontriha u fil-parti fejn erogat piena ta' sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena;
b. tirrevokaha u thassarha f'dik il-parti tal-piena fejn ikkundannat lil Ruth Sammut ghal multa ta' € 6184.62 u
c. minflok tinfliggi multa skond il-ligi.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Fliet l-atti kollha.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti Ruth Sammut huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi kif ser jigi sottomess waqt it-trattazzjoni ta' dan l-umli appell, l-esponenti umilment temmen illi fil-kaz odjern jezistu fatturi li jimmiltaw favur temperament fil-piena nflitta mill-ewwel Onorabbli Qorti. Fost affarjiet ohra l-esponent jixtieq jippuntwalizza bir-rispett illi:

a. In effetti l-ammissjoni taghha kienet wahda, relattivament u fic-cirkostanzi bikrija. Id-dati procedurali li jirrizultaw mill-process huma xhieda ta' dan;
b. It-trapass taz-zmien mill-allegat reat kommess.
c. Illi l-formola tal-multa adoperata mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati inhadmet b'mod illi l-ammont dovut bhala multa gie aktar milli tistipula l-ligi.
d. Illi, tentut kont li dan ir-reat jirreferu ghal-fatti fejn ir-ragel tal-esponenti qieghed ihallas multa fuq l-istess, allura jidher car illi l-esponenti ma kellux

ghalfejn terga tigi mposta fuqha l-imsemmija multa fl-ammont kif enunzjat fis-sentenza.

e. Illi l-proporzjoni ta' bejn il-multa u r-reat huwa tali illi wiehed facilment jistgha jghid illi l-multa hija sproporzjonata.

Bl-akbar rispett, dawn u fatturi ohra, ghandhom jattiraw tnaqqis fil-piena nflitta.

Rat l-aggravju tal-Avukat Generali illi huma s-segwenti:

Illi fis-26 ta' Novembru 2013, l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-piena erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti ma kinetx fix-xorta jew kwantita` taghha dik ikkontemplata fil-ligi ghar-reat li fuqu l-imputata appellata giet ikkundannata.

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti f'li l-ewwel Onorabbli Qorti erogat piena ta' multa ta' 6184.62 Euro u prigunerija ta' sitt xhur sospizi ghal sena. Illi l-esponent jaghmilha cara li dan l-appell jirrigwarda limitatament l-ammont tal-multa imposta fuq l-imputata appellata u mhux il-perjodu ta' prigunerija sospiza li ghandu jigi konfermat.

F'dan il-kaz l-imputata appellata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontriha u l-piena erogabbli f'dan il-kaz kellha tkun dik ai termini tal-Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 li qabel ma dahlu fis-sehh l-emendi tas-sena elfejn u tlettax, kien jipprovdi li l-piena ghandha tkun dik ta' :-

> "multa ekivalenti ghal tliet darbiet l-ammont ta' dazju li ghandu jithallas fuq l-oggetti jew hames mija u tnejn u tmenin euro u erbgha u tletin centezmu (582.34), skond liema hija l-ikbar, hekk li terz minn dan l-ammont ghandu jitqies bhala dejn civili addebitat u li jithallas lid-Dipartiment tad-Dwana jew ghal dik il-multa flimkien ma' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn; u l-hati jista' jigi arrestat jew migjub quddiem il-qorti b'citazzjoni bil-mod u fil-forma kif jinghad fil-Kodici Kriminali, u skond id-disposizjonijiet l-ohra kollha ta' dak il-Kodici"

Illi l-proviso tal-istess Artikolu kien jipprovdi f'paragragu(a) li :-

> "(a) meta l-oggetti li dwarhom ikunu saru procedimenti kontra l-hati ikunu xi oggetti minn dawk murija fl-Iskeda li tinsab ma' din l-Ordinanza l-piena ta' prigunerija hawnhekk preskritta ghandha tapplika f'kull kaz;"

Illi l-Iskeda li l-kontenut taghha baqa' l-istess anke wara l-emendi tas-sena 2013 (bid-differenza li fil-ligi kif emendata hemm zewg Skedi, filwaqt li qabel l-emendi kien hemm Skeda wahda) tinkludi fost oggetti ohra t-tabakk. Illi ghaldaqstant ghandu jkun pacifiku li f'dan il-kaz il-piena ta' prigunerija ghandha tapplika f'dan il-kaz.

Illi madanakollu fir-rigward tal-ammont tal-multa imposta, l-esponent jirrileva li l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 37 (qabel l-emendi) jaghti definizzjoni tal-kelma "dazju" bhala :-

> "kull dazju li jithallas lill-Kontrollur tad-Dwana fuq oggetti importati u tinkludi dazju ta' importazzjoni, dazju ta' esportazzjoni, dazju fuq il-biedja, dazju kontra *dumping*, dazju ta' kumpens u dazju tas-sisa;"

Illi ghaldaqstant meta l-Artikolu 62 jistipula li l-multa ghandha tkun ekwivalenti ghal tliet darbiet l-ammont ta' dazju, dan jirreferi kemm ghall-ammont ta' dazju ta' importazzjoni kif ukoll ghall-ammont ta' dazju tas-sisa.

Illi ghaldaqstant l-piena li kellha tkun erogata kellha aparti mit-terminu ta' prigunerija impost minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, tinkludi is-segwenti komputazzjoni tal-multa :-

(a) dazju ta' importazzjoni - € 2061.54 ghal tliet darbiet li jammonta ghal € 6184.62 u

(b) dazju tas-sisa - € 300.67 ghal tliet darbiet li jammonta ghal € 902.01

Illi ghaldaqstant l-ammont komplessiv tal-multa kellu jkun dak ta' € 7086.63 u mhux € 6184.62 u dan ghaliex il-kelma "dazju" tinkludi ukoll id-dazju tas-sisa u mhux biss id-dazju tal-importazzjoni kif diga spjegat qabel.

Ghalhekk fl-umli fehma tal-esponent, il-multa erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti kienet taqa' taht il-minimum preskritt mill-Ligi.

Ikkunsidrat,

Rat illi ghandha zewg appelli quddiemha – wiehed tal-Avukat Generali u l-iehor tal-appellanta Ruth Sammut li t-tnejn jikkoncernaw appell dwar il-piena, dak tal-appellanta li l-multa imposta giet aktar milli tistipula l-ligi u dak tal-Avukat Generali li l-piena erogata mill-ewwel Qorti ma kinitx fix-xorta jew kwantità taghha dik ikkontemplata fil-ligi ghar-reat illi fuq l-appellata giet ikkundannata. Ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra dawn iz-zewg appelli flimkien peress illi t-tnejn jolqtu l-istess meritu.

Ikkunsidrat:

Irrizulta illi fit-tnejn (2) ta' Mejju elfejn u disgha (2009) Ruth Sammut inqabdet mill-ufficcjali tad-dwana waqt li kienet qieghda thott xi sigaretti minghajr dazju minn gewwa karozza tat-tip Mitsubishi Pajero bin-numru ta' registrazzjoni ABP 051 ghal gewwa garaxx li jinsab fi Triq il-Mizien, is-Swieqi. L-imputata ikkoperat mal-investigaturi u irrilaxxat stqarrija fejn ammettiet l-involviment taghha. Dawn taw lok ghal dawn il-proceduri.

Permezz ta' verbal tat-tmintax (18) ta' April tal-elfejn u tlettax (2013) (fol 91) l-imputata ammettiet l-akkuzi dedotti kontra taghha u b'sentenza datata erbatax (14) ta' Novembru tal-elfejn u tlettax (2013) il-Qorti tal-Magistrati iddecidiet kontra l-imputata fejn sabitha hatja, ikkundannata ghal multa ta' sitt elef, mija u erbgha u tmenin u tnejn u sittin centezmu (€6,184.62) kif ukoll prigunerija ghal zmien sitt xhur sospizi ghal sena u l-konfiska tas-sigaretti u l-vettura ABP 051 u ordnat ukoll li terz tal-multa jigi ikkunsidrat bhala dejn civili pagabbli lid-Dipartiment tad-Dwana. Kif già inghad kemm l-imputata kif ukoll l-Avukat Generali appellew minn dakinhar is-

sentenza u l-aggravju taghhom huwa limitat ghall-piena – dak tal-imputata illi din kienet gholja wisq u dak tal-Avukat Generali illi ma kinitx tax-xorta jew kwantità li tikkontempla l-ligi.

Ikkunsidrat:

Illi r-reat sehh f'Gunju tal-elfejn u disgha (2009) u l-ligi applikabbli dak iz-zmien kien l-artikolu 62 tal-Kap 37 qabel ma dahlu fis-sehh l-emendi tas-sena elfejn u tlettax (2013). L-artikolu fuq imsemmi kien jippreskrivi illi l-multa kellha tinhadem ghal tlett darbiet l-ammont ta' dazju li ghandu jithallas fuq l-oggett jew hames mija tnejn u tmenin u erbgha tletin centezmu (€582.34c) skont liema hija l-akbar, hekk li terz minn dan l-ammont ghandu jitqies bhala dejn civili addebitat u li jithallas lid-dipartiment tad-dwana, jew ghal dik il-multa flimkien ma' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn. Il-prigunerija f'dan il-kaz hija tassattiva kif tipprovdi l-proviso tal-istess artikolu fuq imsemmi.

Fil-kors tat-trattazzjoni tieghu l-avukat tal-imputata Ruth Sammut argumenta illi fil-komputazzjoni tal-multa ma kellhiex titqies ukoll id-dazju tas-sisa u l-komputazzjoni kellha ssir biss fuq id-dazju ta' importazzjoni.

Il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument peress illi l-artikolu 2 tal-Kap 37 (qabel l-emendi) jaghti definizzjoni wiesa' tal-kelma "dazju" u jinkludi ukoll "... dazju tas-sisa." Ghalhekk dan id-dazju kellu wkoll jitqies fil-komputazzjoni tal-multa kif argumenta l-Avukat Generali. Ghalhekk il-kumputazzjoni tal-multa kellha tinhadem f'dan il-mod: Dazju ta' importazzjoni €2061.54 x 3 = €6184.62 u dazju tas-sisa €300.67 x 3 = €902.01 li jgib total komplessiv ta' €7086.63. Ma hemmx mod iehor kif tinhadem din il-multa. U kemm dik u kif ukoll il-piena ta' prigunerija u l-konfiska tal-oggetti huma tassattivi illi dwarhom il-Qorti ma ghandha l-ebda diskrezzjoni.

Ghalhekk filwaqt illi l-Qorti tichad l-appell tal-imputata Ruth Sammut, tilqa' l-appell tal-Avukat Generali, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u fil-parti fejn erogat piena ta' sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena, kif ukoll fejn ordnat il-konfiska tas-sigaretti u l-vettura ABP 051, kif soggett ghal dak li ntqal fid-decizjoni

tal-appell nru 514/2013 u 536/2013, fl-ismijiet, "Il-Pulizija vs Reno (Nazzareno) Sammut, moghtija llum stess, tirrevokaha u thassarha f'dik il-parti tal-piena fejn ikkundannat lill-imputata Ruth Sammut ghal multa ta' sitt elef, mija erbgha u tmenin ewro and tnejn u sittin centezmu (€6,184.62c) u minflok tinfliggi multa ta' sebat elef u sitta u tmenin ewro u tlieta u sittin centezmu (€7,086.63c) li terz taghha ghandha tigi kunsidrata bhala dejn civili pagabbli lid-Dipartiment tad-Dwana.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------